# Innijiet għall-mużika ta' Dun Anton Xiberras (I)




## Innu lil Sant' Antnin ta' Padwa

Astratt: Fit-2 ta' Frar u s-7 ta' Marzu ta' dis-sena għamilt żewġ taħditiet fuq l-innijiet għall-mużika ta' Dun Anton Xiberras (1922-2006), qassis poeta Naxxari. Dawn saru fis-sala tal-anness tal-knisja parrokkjali u kienu organizzati mill-'Għaqda Wirt Kulturali Naxxari'. Iż-żewġ serati, li għalihom attendiet folla mdaqqsa, kienu jinkludu wkoll interventi mużikali bis-sehem ta' Jean-Marc Fabri u Natasha Abela (pjanisti) u Martina Abela u Chanelle Cardona (kantanti). Għall-benefiċċju ta' dawk li forsi ma kinux jafu jew ma setgħux jattenduhom, minn dis-sena ser nibda nġib xi siltiet minnhom. Għal dis-sena ħsibt li nippreżentalkom l-ewwel tnejn: *Innu lil Sant' Antnin ta' Padwa* u *Lilek Omm Alla (Angelus)*.

Kliem muftieħ: Naxxar, San Ġiljan, Innu, Lilek Omm Alla (Anġelus), Dun Anton Xiberras, Xirka tal-Malti għat-Tfal, Għaqda Wirt Kulturali Naxxari, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College.

Dun Anton minn dejjem ħabb ilsien pajjiżu. Għadu s-seminarju kien diġà beda jħarbex il-poeżija. Fl-1943 waqqaf il-fergħa Naxxarija tax-'Xirka tal-Malti għat-Tfal'. Tliet snin wara beda joħroġ 'Id-Djarju tan-Naxxar' li tagħha kien editur. Għal xi żmien qasir kien ukoll President tal-'Għaqda Artistika Naxxarija'. F'waħda mill-ftit rivisti li laħqu ħarġu minn dil-Għaqda kien kiteb li hu jqis lilu nnifsu bħala poeta li bil-kitba tiegħu ried jagħmel ġieħ lil raħal twelidu. Permezz tagħha hu kellu l-ħsieb ukoll mhux biss li jibda jiġbor il-kitbiet kollha mxerrdin ta' pinen Naxxarin, imma wkoll li jħeġġeġ oħrajn biex jibdew jiktbu l-poeżiji bħalu. Sakemm kien għadu joqgħod in-Naxxar, Dun Anton kien diġà rebaħ għadd ta' premijiet għal poeżiji bil-Malti f'konkorsi differenti.


Dun Anton Xiberras (1922-2006)

## Innu lil Sant' Antnin ta' Padwa


Statwa ta' Sant' Antnin li hemm fil-knisja Ta' Lapsi, San Ġiljan

Fl-istess sena li Dun Anton Xiberras mar fil-parroċċa ta' San Ġiljan fl-1948 twaqqfet il-Fergħa Maskili tal-A.K. t'hemmhekk minn Dun Anton Debono[1], Naxxari bħalu. Għall-bidu, iċ-Ċirklu kien infetaħ għall-Irġiel u l-Ġuvintur f'daqqa, b'Dun Anton bħala Assistent Ekkleżjastiku tal-Ġuvintur. Lejn l-aħħar tal-1949, l-Irġiel inqatgħu għalihom u għażlu l-isem ta' San Ġiljan bħala protettur tagħhom filwaqt li l-Ġuvintur żammew 'il Sant' Antnin ta' Padwa bħala l-protettur tagħhom.

Mill-bullettin parrokkjali 'Xaqq Dawl' t'April-Ġunju 1954, p. 11, insiru nafu li l-Innu taċ-Ċirklu kien ġie eżegwit waqt Akkademja nhar l-14 ta' Ġunju, l-għada tal-festa liturġika ta' Sant' Antnin ta' Padwa. Dan kien tkanta mill-kor, iffurmat mill-istess Ġuvintur, għall-akkumpanjament t'armonju li kien ħafna moda dak

[1] Kien kappillan ta' San Ġiljan bejn l-1943 u l-1953.

iż-żmien. Hawn taħt jidher it-tagħrif kollu li kien deher f'dil-paġna ddedikata lill-'Festi fil-Parroċċa Tagħna':

SANT' ANTNIN TA' PADWA – Protettur taċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika

13 il-Ħadd: Jum il-festa. Fit-8.30 a.m. Quddiesa Kantata mill-Ass. Ekkl. Fl-għaxija fl-4.30 p.m. għasar kantat mill-Ġuvintur u tfal, u Panigierku tal-Qaddis mill-W.R. Kappillan.

14 it-Tnejn: AKKADEMJA fit-Teatru Melita: Marcia Pontificia; Kelmtejn; Farsa; Kor: 'Va Pensiero'; Konferenza bis-slides fuq Sant' Antnin; l-**Innu l-ġdid tal-Qaddis**, Kanzunetti.

Iżda minn imejl li kont irċivejt mingħand Monsinjur Gwido Calleja (1928-2018) mill-Amerika fil-15 ta' Settembru 2009, sibt li l-Innu kien diġà tkanta jum qabel proprju fil-festa tal-Qaddis. Kien hu stess li akkumpanja l-kant miż-żgħażagħ tal-A.K. fuq l-orgni. Fl-istess imejl jgħarrafna wkoll kif twieled dal-Innu. Din hi parti mill-imejl li kien bagħtli:

> *About the hymn of Sant 'Antnin I can tell you more. It came about with D. Anton who wrote the verses and he asked me to dress it up in music. Then I was very young and I wrote the melody but I didn't harmonize it. So I gave it to Angelo[2] and he looked at it and quickly liked it and harmonized it. I played it on the organ and the Catholic Action youngsters liked it too. We sang it after the mass on the Feast day with great fervour*



L-Innu ta' Sant' Antnin fih is-soltu tliet strofi bil-vers tal-għaxra, filwaqt li r-ritornell jimxi bil-vers ottonarju. Fl-ewwel strofa l-poeta jħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jimxu fuq il-mudell tal-Qaddis li ried jaħdem fl-għalqa ta' Kristu bħala missjunarju u jmut martri Franġiskan, xi ħaġa li ma seħħlux jagħmilha. Minflok, taha għall-predikazzjoni peress li kien Duttur tal-Knisja. Fuq kollox kien saċerdot li ħabb u ħadem biex joħroġ lill-foqra mill-miżerja. Fit-tieni strofa l-poeta jgħid liż-żgħażagħ biex jitolbu lil Sant' Antnin jgħinhom kif għandhom jħobbu 'Lis-Sinjur' bl-istess mod kif ħabbU hu. Jissemma wkoll il-ġilju li jirrappreżenta mhux biss s-safa, imma wkoll il-ġlieda kontra l-ħażen sa miċ-ċkunija. Fit-tielet strofa mbagħad, il-poeta jissokta bil-ħidma pastorali fil-ħajja qasira ta' Sant' Antnin li għandha sservi ta' mudell għaż-żgħażagħ kollha illi jixtiequ jaħdmu biex isalvaw l-erwieħ. Permezz tar-ritornell iż-żgħażagħ jistqarru li jħobbu lil Sant' Antnin u jaħtruh bħala Patrun tagħhom. Huma jitolbuh biex jgħallimhom t-triq tas-sema ħalli mbagħad ikunu jistgħu jmorru jgawduh hemmhekk.



Partitura oriġinali tal-Innu minn id Mro. Angelo Pullicino

Teżisti partitura oriġinali fl-arkivju tal-knisja 'Ta' Lapsi' li fuqha ġġib l-isem ta' 'L-Innu lil Sant' Antnin tal-Azz. Katt. ta' San Ġiljan'. Fuqha hemm imniżżel ukoll l-ismijiet ta' min kiteb il-versi u l-mużika. Jeżistu żewġ partituri oħra fl-arkivju personali tiegħi, it-tnejn miktubin bil-lapis: waħda għall-pjanu, u l-oħra taqsira tal-partitura għall-banda, u li fuqha hemm imniżżel 'Innu ta' Sant' Antnin'. Fl-ewwel waħda jidher biċ-ċar li kien is-Surmast Pullicino li ħadem fuq l-armonija, u fiha għadd ta' taħsiriet bil-gomma bħal meta wieħed jingħatalu xi eżerċizzju biex jinħadem. It-tieni waħda tagħtina x'nifhmu li kien hemm il-ħsieb li l-innu seta' jindaqq ukoll minn xi banda peress li tinkludi dawn l-istrumenti li ġejjin mifruxin fuq erba' pentagrammi: (1) klarinetti primi, sekondi, u terzi (2)

[2] Hawn qed jirreferi għas-surmast Anġlu Pullicino.

kurunetti primi u sekondi (3) ewfonji diviżi (4) trumbuni u baxxi. Minnhom wieħed jista' faċilment joħroġ partijiet oħra għall-bqija tal-istrumenti tal-banda.

Kull strofa tal-Innu tinkludi żewġ sentenzi mużikali ta' tmien battuti l-waħda li jibdew dejjem fuq it-tieni taħbita. Kull sentenza jerġa' tinqasam f'żewġ frażijiet indaqs, fejn l-ewwel waħda fiha s-suġġett li jibqa' jintuża għall-bqija tax-xogħol. L-eżempju t'hawn juri motif wieħed bi tliet noti (X), li permezz tiegħu tinbena l-bqija tal-frażi. L-istess jiġri fit-tieni waħda fejn il-melodija tħaddem l-istess ritmu. Xogħol l-akkordji mbagħad, huwa li jżejjen il-melodija b'ilwien differenti, l-aktar fit-tieni sentenza li biha tagħlaq l-istrofa.




Ir-ritornell jintroduċi ritmu għal kollox ġdid, fejn l-aktar li jispikkaw huma n-noti twal li permezz tagħhom il-melodija ma tistax tkun aktar sempliċi milli hi. Imma fit-tieni parti tiegħu jseħħ taqlib sħiħ fl-armonija bl-użu t'akkordji mlewna, biex b'hekk, il-melodija tilbes libsa aktar rikka. Dan kollu jgħin għal biex jintlaħaq klajmaks. L-eżempju t'hawn juri l-mod ta' kif inhi mibnija l-melodija, li hi magħmula kompletament minn noti tal-istess valur u biż-żewġ frażijiet iwieżnu 'l xulxin bħal f'ċaqlembuta.




Aktar tagħrif dettaljat dwar dal-innu tistgħu ssibuh fl-artiklu tiegħi fit-tieni volum tal-ktieb: Dun Anton – Kitbietu Miġbura pp. 542–551. Il-ktieb huwa pubblikazzjoni ta' *Deer Publications* u għandu lil Andrew Borg bħala editur.

## Lilek Omm Alla (Angelus)

L-Anġelus hija talba qasira, normalment l-Ave Marija, li tingħad tliet darbiet matul il-ġurnata, i.e. filgħodu, f'nofsinhar, u filgħaxija. Tissejjaħ hekk għax tibda bil-kliem Latin: *Angelus Domini Nuntiavit Mariae* – l-Anġlu t'Alla ħabbar lil Marija.



'Lilek Omm Alla' (Anġelus) - Innu tislima lill-Madonna

'Lilek Omm Alla' ta' Dun Anton ħadet isimha proprju mill-ewwel vers li biha tiftaħ dil-għanja. Jidher li, l-addattament għall-Malti tal-kanzunetta Taljana *Nome Dolcissimo* ta' Don Castelli kien sar fl-1953. Dan peress li dil-poeżija f'forma t'innu aktarx li kienet dehret għall-ewwel darba f'paġni 71 u 72 tad-'Djarju tan-Naxxar' ta' Settembru 1953. Infatti, l-innu tal-Madonna *Lilek Omm Alla* jġib id-data tal-5 ta' Novembru ta' dik is-sena stess u jidher fil-ġenb ta' daż-żewġ paġni flimkien ma' poeżija oħra tal-qabbiel Naxxari, is-Sur Ġużeppi Gauci.[3] B'dat-tagħrif f'idejna wieħed jista' jikkonkludi li dil-għanja Marjana ħarġet mill-pinna ta' Dun Anton proprju fid-data msemmija li hemm imniżżla f'riġel it-tielet u l-aħħar strofa.

L-innu fih tliet strofi bil-versi tal-għaxra, fejn kull kwartina tagħlaq b'ritornell

[3] Tajjeb ngħidu hawnhekk, li Dun Anton kien joħroġ ir-rivista msemmija għalih biss u ma kinux jiġu stampati kopji tagħha. Illum il-ġurnata dar-rivisti jinsabu kollha merfugħin fl-arkivju tal-parroċċa. Peress ukoll li dar-rivisti fil-biċċa l-kbira tagħhom huma miktubin bl-id, fihom Dun Anton kien jibqa' jżid il-materjal xorta waħda. Hekk ngħidu aħna, għad li r-rivista msemmija hi ta' Settembru, l-Innu ddaħħal fiha daqs xahar wara; imma għal Dun Anton kien ferm importanti li jġib id-data preċiża ta' meta sar l-addattament tiegħu għall-Malti. Infatti, jekk wieħed jinnota, l-Innu ddeffes fil-ġenb tal-lemin tal-poeżija ta' Gauci.

ċkejken li fih l-poeta jsellem lill-Madonna. Kull waħda minn dat-tliet strofi tiffoka fuq ħin partikolari tal-jum, i.e. (a) filgħodu 'xħin tfiġġ il-għodwa'; (b) f'nofs il-jum sbejjaħ, 'xħin b'saħħa tiżreġ ix-xemx ħanina'; (ċ) ma nżul ix-xemx '*xħin jgħib minn fuqna dad-dawl fiddieni / U d-dalma taqa' tal-lejl sewdieni*'.

Il-mużika hija pinna tal-istess Don Andrea Angelo Castelli, qassis mużiċist li twieled f'Villasola di Cisano Bergamasco fl-1876 minn familja li jaħdmu fl-għelieqi. Attenda l-kulleġġ ta' Celana fejn tħarreġ fid-daqq tal-pjanu. Wara li ordna qassis fl-1902 beda bil-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' Monte Marenzo bħala viċi-kappillan. L-Isqof Gaetano Camillo Guindani (1834–1904) għaraf il-ġibda kbira li kellu lejn il-mużika u bagħtu jissokta bl-istudji mużikali tiegħu fil-konservatorju 'Giuseppe Verdi' ta' Milan taħt il-gwida ta' Luigi Mapelli (1855–1913) minn fejn iggradwa fl-orgni u l-kompożizzjoni. Għamel xi żmien jgħallem il-mużika fil-kulleġġ ta' Celana. Meta faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija għamilha ta' kappillan militari. Fl-1920 laħaq organista ta' Chiari, provinċja ta' Brescia, fir-reġjun tal-Lombardija. Aktar tard hu qeda dmiru fil-ministeru tiegħu f'Bergamo, fejn baqa' sa mewtu, li ġrat fl-1970, fl-età venerabbli ta' 94 sena. Don Castelli kien ukoll ħabib kbir tal-Papa Ġwanni XXIII. Xogħlijietu, għad li mhux ħafna fl-għadd, huma sempliċi u f'vena popolari. Uħud minnhom ġew ippubblikati bil-flus li ħareġ minn butu stess.

Għad li l-Innu ta' Castelli fih biss 16-il battuti, xorta waħda għandu forma ternarja miż-żgħar nett li tiġi fi tliet taqsimiet, fejn (A) hija sentenza ta' tmien battuti mqassmin f'żewġ frażijiet daqsinsew. Min-naħa l-oħra, (B) hi magħmula minn frażi t'erba' battuti, fejn l-ewwel tnejn jiġu mtennija. (Ċ) tinkludi l-aħħar erba' battuti li jiffurmaw ir-ritornell, u li permezz tagħhom iġibu l-innu fi tmiemu. F'dak li hu temp imbagħad, is-$^6/_8$ (*sej otto*) joħloq dik it-tbandila ħelwa li tħannen, u li tant tixraq lil dil-għanja Marjana. Il-melodija wkoll hija waħda sempliċi kemm jista' jkun f'nisġietha peress li msensla minn frażijiet żgħar li faċilment tibqa' tiftakarhom ġo moħħok. Dan għaliex, in-noti aktarx jimxu b'mod imtarraġ, u b'xi intervall żgħir bejniethom 'l hawn 'l hinn. Żgur imma li bħala melodija jirnexxilha taqbad dak l-ispirtu meditattiv fejn jidħol it-tifsir tal-kelma: hija tixxennaq għal ħoss hiedi u hieni fl-istess waqt, l-istess bħal Marija, mara sempliċi mimlija grazzja.




*Lilek Omm Alla b'għaxqa nsellmulek,*
*Xħin tfiġġ il-għodwa, l-għanja ngħannulek,*
*Bil-ferħ bil-hena, qlubna mogħnija:*
***Ave Marija, Ave Marija.***

*Xħin b'saħħa tisreġ ix-xemx ħanina,*
*F'nofs il-jum sbejjaħ, biex ħajja ttina,*
*L-ilħna lejk nerfgħu, f'għanja smewwija:*
***Ave Marija, Ave Marija.***

*Xħin jgħib minn fuqna* dad-dawl fiddieni,
*U d-dalma taqa' tal-lejl sewdieni,*
*Lilek insellmu, ja Omm qawwija:*
***Ave Marija, Ave Marija.***

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)